22004D0009

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 9/2004

tas-6 ta Frar 2004

li temenda l-Anness XI (Servizzi ta' telekomunikazzjoni) u l-Protokoll 37 mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 u 101 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 153/2003 tas-7 ta' Novembru 2003 ([1]).

(2) Il-Protokoll 37 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 32/2003 ta' l-14 ta' Marzu 2003 ([2]).

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/622/KE tas-26 ta' Lulju 2002 tistabbilixxi Grupp ta' Politika għal Spectrum tar-Radju ([3]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(4) Biex il-Ftehim jiffunzjona tajjeb, il-Protokoll 37 mal-Ftehim għandu jkun estiż biex jinkludi l-Grupp ta' Politika għal Spectrum tar-Radju stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2002/622/KE, u l-Anness XI għandu jkun emendat biex jispeċifika l-proċeduri għal assoċjazzjoni ma' dan il-Grupp,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-punt li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 5cg (Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE) ta' l-Anness XI mal-Ftehim:

"5ch. **32002 D 0622**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/622/KE tas-26 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Grupp ta' Politika dwar Spectrum tar-Radju (ĠU L 198, tas-27.7.2002, p. 49).

Proċeduri għall-assoċjazzjoni tal-Liechtenstein, l-Islanda u n-Norveġja skond l-Artikolu 101 tal-Ftehim:

Kull Stat taż-ŻEKL jista', skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/622/KE, jaħtar persuni biex jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Politika dwar Spectrum tar-Radju.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha, fiż-żmien dovut, tgħarraf lill-parteċipanti bid-dati tal-laqgħat tal-Grupp u tittrasmettilhom id-dokumentazzjoni relevanti."

2. Il-punt li ġej huwa inserit fil-Protokoll 37 (li fih il-lista li jipprovdi għaliha l-Artikolu 101) mal-Ftehim:

"16. Il-Grupp ta' Politika dwar Spectrum tar-Radju (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/622/KE)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2002/622/KE fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 41, tat-12.2.2004, p. 45.
([2]) ĠU L 137, tal-5.6.2003, p. 32.
([3]) ĠU L 198, tas-27.7.2002, p. 49.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Frar 2004, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ntgħamlu (ntbgħatu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Frar 2004.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.